KUNSILL LOKALI KALKARA
KALKARA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

**Laqgħa Nru. 6/2016**

Data: 26 ta' Mejju 2016

Ħin: 4:00 p.m.

Post: Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: ***Speranza Chircop** – Sindku*
***Christopher Bruno** – Viċi Sindku*
***Maria Sultana** – Kunsilliera*
***Paul Bongailas** – Kunsillier*
***Vincent Bongailas** - Kunsillier*
***Elaine Caruana**– Segretarju Eżekuttiv*

Assenti: *Michaela Noelene Zammit – Ambaxxatrici*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara

**Minuti - 6/2016**

## 1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultaijiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'April 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno

## 2 Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Punt 4.4 mis-seduta 5.16 – Is-Seg.Eżek. infurmat il-Kunsill kollu illi peress li ma kienx hemm impenn ċar mill-Kunsilli l-oħra tal-Kottonera, din l-attivita' ser tkun qed tiġi riveduta minn naħa ta' l-istess nies involuti fil-loġistika ta' din l-attivita' imsejħa Jum il-Kottonera.

2.2 Punt 3.7 mis-seduta 5.16 – Il-Kunsillier Pawlu Bongailas għarraf il-Kunsill b'ilmenti minngħand residenti fuq is-sinjali ġodda li ġew miżbugħa qabel iż-'Zebra Cross' ta' Triq il-Luqqata kif ġie deċiż mill-istess Kunsill fis-Seduta preċedenti, minħabba illi is-sinjali il-ġodda naqqsu mill-inqas żewġ parkeġġi.

Wara diskussjoni kostruttiva bejn il-Kunsilliera ġie deċiż illi is-sinjali għandhom jibqgħu kif inhuma minħabba raġunijiet ta' sigurta għal min ikun qed jaqsam minn fuq din l-istess 'Zebra Cross'.

2.3 Punt 4.6 mis-Seduta 3.16 - Is-Seg.Eżek. infurmat lill-Kunsill rigward illi it-tneħħija tal-ħamiem mil-lokal skond il-liġi u l-iskema li ħareġ il-Gvern stess saret aktar kmieni fix-xahar ta' Mejju bl-assistenza tal-Pulizija fuq il-post kif kien ġie deċiż mill-istess Kunsill. Hija ukoll spjegat illi hemm bżonn li issir sezzjoni oħra speċjalment in-naħa tal-bandli minħabba li ma tneħħewx il-ħamiem kollu. Apparti minn hekk is-Seg.Eżek. qrat email lill-Kunsill li rċeviet minngħand resident iddiskustat b'din id-deċiżjoni tal-Kunsill rigward il mod ta' kif ġew imnaqqsa il-ħamiem fil-lokal.

## 3 Korrispondenza

3.1 is-Seg. Eżek. talbet konferma mill-Kunsill kollu rigward illi bħas sena l-oħra impjegat tal-Kunsill stess Martin Meilaq qiegħed jitlob l-għajnuna / permess lill-Kunsill rigward tqassim ta' 'flyers' barra il-ħin tax-xogħol ta' attivita' li ser ikun qed jorganizza hu personali għal karita, kif ukoll forsi xi għajnuna finanzjarja biex jinxtraw xi medalji għal parteċipanti kollha li ser ikunu qed jieħdu sehem f'din l-istess attivita' li ser tiġi organizzata fil-Kalkara stess.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament ma' din l-attivita'.

3.2 Is-Seg. Eżek. Infurmat il-Kunsill dwar ilment minn residenti li joqgħodu fi Triq Santu Rokku rigward lanterni li għandhom bżonn jinbidlu għaliex antiki u bilkemm qed joħroġ dawl minnhom minħabba li skuraw bl-elementi ta' xemx u xita.

3.3 Is-Seg. Eżek. ippreżentat email mingħand persuna li qed tagħmel 'Masters', fejn din qed titlob permess mil-Kunsill biex jgħina issib parteċipanti mill-lokal bejn 60 – 75 sena kif ukoll kamra fejn tkun tista tagħmel kwestjonarju privat fuq affarijiet relatati ma saħħa u xjenza, komunikazzjoni fit-terapija u xi affarijiet oħra.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament mal-punt imsemmi hawn fuq

3.4 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill rigward sezzjonijiet li jistgħu isiru fil-lokal minn naħa ta' l-Universita' ta' Malta fuq suġġetti varji skond in-neċessitajiet tal-lokalitajiet bla ħlas. Hija saħqet illi ser tkun qed tikkordina man nies involuti biex b'hekk nagħmlu sezzjonijiet fil-Berġa tal-Kalkara għal benefiċċju tar-residenti.

3.5 Is-Seg.Eżek. infurmat il-Kunsill dwar opportunita' li xi ħadd mill-lokal jiġi nominat għal premju nazzjonali bl-isem 'B'ħilti Wasalt'. Hija spjegat il-kriterji għan-nominazzjonijiet li jista jkun hemm biex minn ikun interessat ikollu gwida ċara.

Fuq suġġeriment tal-Kunsill dawn il-linji gwida kif ukol l-applikazzjoni ser tkun qed tittella fuq il-paġna ta' 'Facebook', tal-Kunsill bħala informazzjoni lir-residenti stess.

3.6 Is-Seg.Eżek. talbet lill-Kunsilliera għal informazzjoni dwar postijiet fil-lokal fejn dawn jistgħu jiġu meqjusa bħala 'Open Spaces', b'iktar siġar u bankijiet għal benefiċċju tan-nies fil-lokal stess ( jitqies bħala wooden area ) wara email li rċeviet minn naħa ta' Stella Maris Collage Scout Group.

Il-Kunsill kollu qabel mas-suġġeriment tal-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana fejn ġie msemmi w ikkonfermat Ġnien Nicole Zahra fil-Kalkara.

3.7 Is-Seg.Eżek. infurmat il-Kunsill dwar konferenza li ser tkun qed tattendi is-Sindku għaliha fi Praga b'kollaborazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Environment u Climate Change'.

Is-Sindu ser tkun qed tgħati preżentazzjoni fuq il-lokal u is-sistemi li ġew addotati diġa kif ukoll ideat propettivi għal futur biex b'hekk bħala lokal inkomplu ngħatu is-sehem tagħna f'ambjent aktar nadif u nkunu ta' eżempju.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku għarrfet il-Kunsill dwar ħafna lmenti rigward il-karozzi li jitilgħu 'Wrong Way' in-naħa tal-Bajja ta' Rnella. Is-Sindku spjegat ukoll illi tajjeb illi bħala Kunsill nibgħatu email lir-Reġjun b'tagħrif fejn qed isir ksur ta' liġi simili għal dan imsemmi hawn fuq biex b'hekk jibdew jittieħdu passi kontra ksur tal-liġi.

Il-Kunsill iddiskuta sitwazzjoniiet varji fil-lokal tal-Kalkara fejn kulħadd ta is-suġġeriment tiegħu biex b'hekk l-email li ser tintbgħat lir-Reġjun indirizzata il-Wardens tkun dettaljata b'ħinijiet u postijiet varji fejn il-karozzi jipparkjaw bl-adoċċ jitilgħu 'Wrog Way' eċt, etċ.

Il-Kunsill iddeċieda ukoll illi tajjeb li jingħataw Ċitazzjonijiet fuq ksur ta' liġi biex b'hekk wieħed ma jibqax jagħmel l-istess.

## 5 Komunikazzjoni tal-Kunsillieri – Is-Sur Chistopher Bruno, Viċi Sindku

5.1 Is-Sur Bruno ressaq ilment dwar skart goff li qed jintrema fejn l-iskip fi Triq Patri Mattew Sultana kważi kuljum. Huwa talab lis-Seg. Eżek. tirraporta il-kuntrattur li kull darba li jgħaddi minn hemm fil-ġurnata li jinġabar l-iskart goff tajjeb li jgħati titwila madwar din l-iskip anki jekk ma jkollux imniżżel fil-lista.

Is-Sur Bruno talab ukoll biex tinbidel l-iskip imsemmija hawn fuq minħabba illi imkissra.

5.2 Is-Sur Bruno għarraf il-Kunsill dwar inizjattiva li qed tiġi organizzata minn naħa tal-President ta' Malta fejn qed jinġabru kotba tajbin għal tfal bejn 1 u tnax il-sena.

Is-Sur Bruno talab biex din l-informazzjoni titella fuq il-paġna ta' 'Facebook', tal-Kunsill għal l-informazzjoni tar-residenti kif ukoll ninfurmaw lill impjegata tal-Kunsill li tiħu ħsieb il-librerija tal-lokal biex min ikun irid jagħmel donazzjoni ta' kotba ikun jista jagħmel dan.

## 5b. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri- Maria Sultana - Kunsilliera

5.1b Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg. Eżek. titkellem mal-kuntrattur li jieħu ħsieb il-knis fil-lokal biex isir tindif sew speċjalment tat-Toroq li minnhom ser tkun qed tgħaddi il-Purċissjoni ta' 'Corpus' il-Ħadd 29 ta' Mejju 2016

5.2b Is-Sinjura Sultana saħqet li hemm bżonn nitkellmu mal-kuntratturi li qed jaħdmu il-proġett in-naħa ta' Bighi rigward trakkijiet ipparkjati mal ġenb tat-triq li qed joħolqu konfużjoni lill-karozzi u traffiku li jgħaddi minn Triq Marina.

Is-Sinjura Sindku spjegat illi kienet diġa kellmet lil Perit rigward il-punt imqajjem hawn fuq.

**5c. Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Vince Bongailas, Kunsillier**

5.1c Is-Sur Vincent Bongailas staqsa dwar is-sistema tal-'Wifi' il-ġdid li kellu jiġi installat fl-inħawi tal-Pjazza Sagra Familja u l-Bajja ta' Rnella.

Is-Seg. Eżek. spjegat illi l-kuntrattur imqabbad minn naħa tal-Ministeru beda ix-xogħol fil-lokalitajiet oħra. Il-Kalkara ser ikun ukoll jiġi installat kif inhu skedat fil-lista tal-kuntrattur stess.

## 6 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 5.16 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7 Aġġornament

7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2016 fis-2:00 p.m.

**IFFIRMATA**

***Speranza Chircop***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Elaine Caruana***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 26/05/2016